



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.10.2016
COM(2016) 689 final

2013/0028 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

**il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament li jemenda r-Regolament (KE)
Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju
domestiku tal-passiġġieri**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. SFOND

Fit-30 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni adottat pakkett komprensiv ta' sitt proposti leġiżlattivi li għandu l-għan li jwassal kwalità aħjar u għażla akbar fis-servizzi ferrovjarji fl-Ewropa.

Hemm bżonn ta' titjib fil-kwalità u fl-effiċjenza tas-servizzi biex il-passiġġieri jqisu lill-ferroviji bħala għażla aktar attraenti, u biex tiġi mħeġġa bidla modali. Jistgħu jinkisbu valur aqwa għall-flus u sostenibbiltà aħjar għal nefqa pubblika li ma tkunx elevata.

Il-pakkett għandu wkoll l-għan li jħeġġeġ l-innovazzjoni fil-ferroviji tal-UE, b'mod li dawn jissodisfaw l-aspettattivi tal-utenti. Dan iwettqu permezz ta' tliet modi differenti u li huma relatati ma' xulxin billi:

- (1) jiftaħ is-swieq domestiċi tal-passiġġieri għall-kompetizzjoni, u joħloq l-obbligu li jsiru offerti għal kuntratti pubbliċi għal servizzi;
- (2) isaħħaħ l-indipendenza tal-maniġers tal-infrastruttura, b'mod li dawn ikunu jistgħu jikkontrollaw il-funzjonijiet ċentrali kollha tan-netwerk ferrovjarju u jiżguraw li kulħadd igawdi minn aċċess ġust għall-ferroviji;
- (3) isaħħaħ ir-rwol tal-Aġenzija tal-UE għall-Ferroviji biex din issir punt uniku ta' servizz għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet validi, fil-livell tal-UE kollha, għat-tqegħid fis-suq tal-vetturi, u għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' sikurezza għall-operaturi fl-UE.

Id-data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

(dokument COM(2013) 28 final — 2013/0028 COD):

il-31 ta' Jannar 2013

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:

il-11 ta' Lulju 2013

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni:

it-8 ta' Ottubru 2013

Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:

is-26 ta' Frar 2014

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:

is-17 ta' Ottubru 2016

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-għan ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni għal emenda tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 huwa li tittejjeb il-kwalità tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri, u li tissaħħaħ l-effiċjenza operattiva tagħhom. Dan għandu jtejjeb il-kompetittività u l-attrattività tal-ferrovija meta mqabbla ma' mezzi oħra ta' trasport u jkompli jiżviluppa ż-żona ferrovjarja unika Ewropea. 

Sabiex jintlaħaq l-għan ġenerali, il-Kummissjoni pproponiet l-introduzzjoni ta' sejħiet obligatorji ta' offerti kompetittivi għall-kuntratti ta' servizz pubbliku biex tintensifika l-pressjoni kompetittiva fuq is-swieq ferrovjarji domestiċi. L-għan huwa li tissaħħaħ l-effiċjenza u titjieb il-kwalità tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri. Dawn il-miżuri huma akkumpanjati minn dispożizzjonijiet biex jiżguraw kundizzjonijiet ta' qafas favorevoli għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti kompetittivi, inklużi regoli dwar l-aċċess għal vetturi ferrovjarji.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija marbuta b'mod qrib mal-emendi proposti għad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni), li jdaħħlu drittijiet tal-aċċess miftuħ għall-intrapriżi ferrovjarji, u jsaħħu d-dispożizzjonijiet dwar il-governanza tal-ġestjoni tal-infrastruttura bil-ħsieb li jissaħħaħ l-aċċess mhux diskriminatorju għall-infrastruttura ferrovjarja.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni fl-ewwel qari adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2016 tappoġġja l-għanijiet ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni li ttejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi tat-trasport pubbliku bil-ferrovija permezz tal-introduzzjoni tal-prinċipju ta' sejħiet obligatorji għall-offerti kompetittivi għal kuntratti ta' servizz pubbliku fis-settur ferrovjarju. Bl-istess mod, tappoġġja d-dispożizzjonijiet proposti li jiżguraw kundizzjonijiet ta' qafas favorevoli għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti kompetittivi.

Għalkemm il-pożizzjoni tal-Kunsill ma tasalx sa fejn xtaqet il-Kummissjoni fuq numru ta' punti, ta min jinnota li dan hu pass sinifikanti 'l quddiem meta mqabbel mar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 attwali għal għadd ta' raġunijiet.

- Il-Kummissjoni pproponiet li tallinja r-regoli tal-ġhotti għall-modi kollha tat-trasport koperti bir-Regolament u li tintroduċi l-prinċipju tan-natura obligatorja tal-ġhotti kompetittivi ta' kuntratti tas-servizz pubbliku fis-settur ferrovjarju. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni minħabba li tintroduċi l-obbligu ta' sejħiet għall-offerti għall-kuntratti ta' servizz pubbliku fis-settur ferrovjarju bħala prinċipju ġenerali billi telimina l-possibbiltà li jingħata kuntratt ta' servizz pubbliku fis-settur ferrovjarju b'mod dirett mingħajr ġustifikazzjoni. Minkejja li tippermetti diversi eżenzjonijiet, dawn l-eżenzjonijiet huma restrittivi, ifformulati b'mod preċiż u oġġettivi u jinkludu ċerti salvagwardji għall-prevenzjoni ta' ċirkonvenzjoni abusiva tal-prinċipju tal-ġhotti kompetittivi. Barra minn hekk, it-test jiżgura li meta jingħataw kuntratti b'mod dirett taħt l-eżenzjoni marbuta ma' strutturi tas-suq speċifiċi, il-kuntratti tas-servizz pubbliku għandhom isegwu l-għanijiet tal-proposta, jiġifieri t-titjib fil-kwalità u fl-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi tat-trasport bil-ferrovija. F'dan ir-rigward, il-pożizzjoni tal-Kunsill issegwi l-għan tal-Kummissjoni li ttejjeb il-kwalità tas-servizzi ferrovjarji tal-passiġġieri, u li ssaħħaħ l-effiċjenza operattiva tagħhom.

- Il-Kummissjoni pproponiet regoli aktar stretti dwar id-definizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku. Huma kellhom l-għan li jeżiġu li l-awtoritajiet kompetenti jfasslu pjanijiet ta' trasport pubbliku dettaljati li jiddefinixxu l-għanijiet tal-politika tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri. L-awtoritajiet kompetenti kienu meħtieġa jiġġustifikaw, abbażi ta' sett ta' kriterji, it-tip u l-firxa tal-obbligi tas-servizz pubbliku li beħsiebhom jimponu fuq l-operaturi tat-trasport pubbliku, kif ukoll l-ambitu tal-kuntratt tas-servizz pubbliku, bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet iddefiniti fil-pjanijiet tat-trasport pubbliku. Il-pożizzjoni tal-Kunsill ma testendix sal-punt tal-proposta tal-Kummissjoni, għalkemm il-Kummissjoni tirrikonoxxi li xorta fiha regoli aktar ċari dwar id-definizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet tal-obbligi ta' servizz pubbliku. It-test jistabbilixxi wkoll kriterji ġenerali għall-awtoritajiet kompetenti meta jiġu ddefiniti l-obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jippermetti l-flessibbiltà meta din tkun meħtieġa.
- Il-pożizzjoni tal-Kunsill tiżgura wkoll l-ġoti ġust u trasparenti tal-informazzjoni rilevanti għal kull min jagħmel offerta, biex jiġi ssalvagwardjat it-trattament ugwali matul il-proċedura ta' sejħa għall-offerti. Din id-dispożizzjoni l-ġdida hija konformi mal-proposta tal-Kummissjoni.
- Il-Kummissjoni introduċiet limiti massimi speċifiċi fuq il-valur tal-ġotjiet diretti għal kuntratti ta' volum żgħir għat-trasport ferrovjarju. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tistabbilixxi dawn il-limiti massimi f'livelli oġhla. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li dawn għadhom jirriflettu korrettament il-loġika li jiġu permessi l-ġotjiet diretti jekk l-ispiża tal-organizzazzjoni ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti tkun oġhla mill-benefiċċji mistennija.
- Il-Kummissjoni pproponiet l-obbligu li l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li jkun garantit l-aċċess mhux diskriminatorju għall-vetturi ferrovjarji peress li dan huwa wieħed mill-ostakli għall-intrapriżi ferrovjarji biex jipparteċipaw fi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti. Il-pożizzjoni tal-Kunsill ma tintroduċi dan l-obbligu minħabba li jista' jkollu effett negattiv fuq il-finanzi pubbliċi. Madankollu, tistabbilixxi l-obbligu li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw, fid-dawl ta' proċedura ta' ġoti kompetittiva, jekk ikunux meħtieġa miżuri biex jiġi żgurat l-aċċess mhux diskriminatorju għall-vetturi ferrovjarji, u li jippubblikaw din il-valutazzjoni. Il-pożizzjoni tal-Kunsill toffri wkoll għadd ta' miżuri li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw biex jiżguraw l-aċċess mill-operaturi għall-vetturi ferrovjarji. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-pożizzjoni tal-Kunsill, bl-obbligu li jsiru valutazzjonijiet futuri tal-aċċess għall-vetturi ferrovjarji pubbliċi, tintroduċi bażi importanti għall-operaturi u għall-Kummissjoni biex jiċċekkjaw jekk il-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti jiżgurawx trattament ugwali tal-operaturi kollha.
- Il-pożizzjoni tal-Kunsill issostni l-istandards soċjali rilevanti nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea li jridu jiġu rrispettati meta jkun hemm bidla ta' operatur ta' servizz pubbliku għat-twettiq ta' kuntratt ta' servizz pubbliku. Il-Kummissjoni tista' tappoġġja dawn id-dispożizzjonijiet peress li dawn se jiċċaraw id-drittijiet u l-obbligi soċjali applikabbli eżistenti.
- Il-Kummissjoni pproponiet dħul malajr tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ġoti kompetittiv obligatorju. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tintroduċi perjodu tranżitorju itwal li jipposponi t-tħassir tal-possibbiltà ta' ġotjiet diretti mingħajr kundizzjonijiet. Ir-risultat huwa li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' sejħiet obligatorji għal offerti kompetittivi għall-kuntratti ta' servizz pubbliku fis-settur ferrovjarju se japplikaw sitt snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid. Dan il-posponiment se jdewwem l-

effetti vantaġġu tar-regoli l-ġodda, għalkemm se jippermetti wkoll li l-Istati Membri jippreparaw lis-suq għal dawn il-bidliet strutturali u b'hekk jevitaw kwalunkwe problema strutturali li tista' tinqala'.

- Il-Kummissjoni pproponiet li l-kuntratti li jingħataw b'mod dirett abbażi tal-eċċezzjoni għat-trasport ferrovjarju għandhom jiskadu mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022. Il-Kummissjoni jiddisputa li l-pożizzjoni tal-Kunsill tippermetti li dawn il-kuntratti jibqgħu validi sal-iskadenza tagħhom. Dan se jfisser li kuntratti ta' servizz pubbliku mogħtija direttament qabel tmiem il-perjodu tranżitorju jistgħu jibqgħu għaddejjin sa Diċembru tal-2032, u dan huwa perjodu ta' tranżizzjoni twil. Madankollu, fl-istess ħin il-Kummissjoni tinnotta li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiggarrantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet kuntrattwali eżistenti u tintroduċi salvagwardji għall-kontinwità legali tagħhom.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tikkunsidra li minkejja n-nuqqasijiet tal-pożizzjoni tal-Kunsill, l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda u aktar ċari deskritti hawn fuq se tipprovdi aktar ċertezza legali. Se tikkostitwixxi wkoll bażi soda għall-infurzar fil-futur tal-ftuħ tas-suq ferrovjarju, kemm skont ir-regoli tal-politika tat-trasport, kif ukoll skont ir-regoli tal-kompetizzjoni rilevanti.

Il-Kummissjoni tqis li l-emenda tal-leġislazzjoni dwar l-obbligi tas-servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija bl-introduzzjoni tal-prinċipju tal-għoti kompetittivi ta' kuntratti ferrovjarji ta' servizz pubbliku, u bl-introduzzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar kundizzjonijiet ta' qafas favorevoli għal għotjiet ta' dan it-tip huma pass essenzjali għat-titjib tal-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi tat-trasport pubbliku bil-ferrovija fl-UE. Użu usa' ta' offerti kompetittivi għall-kuntratti ferrovjarji jista' wkoll jiżgura valur aħjar għall-flus pubbliċi li jintefgħu fuq is-servizzi tat-trasport pubbliku.

Fi spirtu ta' kompromess, il-Kummissjoni taċċetta l-pożizzjoni adottata mill-Kunsill biex b'hekk il-Parlament Ewropew ikun jista' jadotta t-test finali waqt it-tieni qari. Tabilħaqq, il-Kummissjoni hi tal-fehma li l-adozzjoni kemm tal-pilastru tas-suq kif ukoll tal-pilastru tekniku għandha timmassimizza l-benefiċċji f'termini tal-kwalità tas-servizz, tal-effiċjenza u tal-kompetittività tal-industrija ferrovjarja.